*Minn dejjem kont naħseb li jekk tkun ġo post li huwa sabiħ, ġo qalbek tixtieq li jieqfu l-minuti tal-arloġġ sabiex tibqa' hemm, tgawdi s-skiet u l-ġmiel ta' madwarek.*

*Kemm kont żbaljat!*

*Illejla s-sema qisu tila ta' lwien: ħjut irqaq ħomor jiżżellgu f'oħrajn oranġjo, roża u sofor. Fil-bogħod qed nisma' wkoll il-gawwi jittajjar fuq il-baħar iswed. Kienet tkun xena tassew sabiħa, li kieku ma qegħednix hawn xi ħadd kontra r-rieda tiegħi! Imma min? U għaliex? U min hu dan li hawn ħdejja, b'ħalqu miftuħ beraħ? Qisu ħa qatgħa malli rani hawn maġenbu. B'idejh it-tnejn marsusin ma' widnejh, dan iħares madwaru, u jgħajjat u jwerżaq, qisu xi miġnun. Warajna qed nisma' xi passi. Għandu jkun m'aħniex weħidna fuq dan il-pont. Inħossni maqbud ġo ħolma kerha, u li ma trid tispiċċa qatt.*

*Taħt saqajja, l-injam iżaqżaq ma' kull pass li nagħmel fuq dan il-pont twil twil li ma jwassalni għal imkien. Aktar ma nimxi, aktar nibqa' mwaħħal fl-istess post. Qabadni wkoll uġigħ ta' ras jaqsam. Xi mkien f'xi rokna ta' rasi, bħal qisu għandi xi tanbur:* Bumm bumm bumm … *Żomm ftit … dik naħseb qalbi … u n-nifs tiegħi qiegħed dejjem iżid, jgħaġġel u l-għaraq ixoqq għalija …*

# I

Il-Mużew Czartoryski, Krakovja
It-13 t'April, 2012
Il-ħin: 19.00

Jakub Bukowski beda r-ronda tiegħu madwar is-swali tal-aktar mużew popolari ġewwa l-belt ta' Krakovja, fil-Polonja.

Kienet kesħa xxoqq l-għadam.

Imnieħer Jakub beda jqattar u snienu t'isfel bdew iċekċku ma' ta' fuq. "Basta bdejna r-rebbiegħa," gedwed Jakub, hu u jogħrok idejh it-tnejn flimkien u jonfoħ fihom, bit-tama li dawn jisħnu xi ftit.

Minkejja l-kundizzjoni tat-temp u s-silġ li niżel dakinhar, in-nies kienu żaru l-mużew bil-gzuz matul il-ġurnata. Xogħol Jakub kien li jieħu ħsieb idur kull rokna tal-binja storika, jara li kollox f'postu, u wara li jitfi d-dwal tas-swali, isakkar il-bieb ta' barra u jerħilha għas-sħana tad-dar u belgħa te kif tmiss il-liġi. L-ewwel beda bis-sala

tal-intrata, sala kemxejn imdaqqsa miksija b'art tal-injam. Madwar din is-sala kien hemm wirja sħiħa ta' statwi u figuri, il-biċċa l-kbira minnhom bla mnieħer, widna, sieq jew ras. Din kienet l-aktar kamra favorita tal-gwardjan. Dawk l-uċuħ kollha b'ħalqhom miftuħ beraħ kienu jogħġbuh wisq!

"Għall-inqas dawn qatt ma jmeruni, jew itellfuni," qal bejnu u bejn ruħu, hu u jitfi t-tubi tas-saqaf mis-swiċċ ta' mal-ħajt.

Il-Mużew Czartoryski kien dam magħluq għal sentejn sħaħ. Mhux ta' b'xejn li dakinhar li reġa' fetaħ għall-pubbliku, mijiet ta' nies kienu fuq ix-xwiek biex iżuru l-kollezzjonijiet li kien hemm fih. Bir-rassa li kien hemm, ma kienx hemm post fejn toqgħod labra. Jakub Bukowski ħa kedda mhux ħażin jikkontrolla l-folol, idur minn sala għal oħra bħal ċippitatu, u jwaqqaf viżitaturi ħerqana milli jieħdu ritratti bil-mowbajls tagħhom. Għalxejn kien hemm kull tip ta' stampa u simbolu ta' kamera maqtugħa b'linja ħoxna ħamra. Ħafna nies ma jitgħallmux.

Jakub dar fuq il-lemin tiegħu.

Kien għad fadallu sala waħda biss x'jiċċekkja.

Ma kinitx xi sala kbira iżda din kienet l-aktar sala importanti fil-mużew kollu. Proprjament, din is-sala kienet ir-raġuni għalfejn dawk il-folol ta' nies fettlilhom iżuru l-belt ta' Krakovja minflok ma marru f'xi post aktar sħun ħdejn il-baħar. Kien hemm biss gwarniċ wieħed mal-ħajt ta' din is-sala popolari, iżda kien gwarniċ speċjali għax fih kien hemm waħda mill-aktar pitturi famużi fid-dinja.

It-tektik taż-żarbun ta' Jakub fuq l-art tal-injam kien l-uniku ħoss li fadal jidwi mal-bini iżda waqaf minnufih malli Jakub daħal ġol-kamra. Dan għaliex xħin daħal, il-gwardjan baqa' ssummat iħares lejn gwarniċ minn lewn il-bronż li kien hemm mal-ħajt faċċata tiegħu. Gwarniċ b'tila vojta.

# II

It-22 t'April, 2012

Għażiż Djarju,

Illum wasalna għand iz-ziju Fonzu. Nispera li din il-ġurnata ma niftakarha *qatt* aktar kemm indum inferfer fuq din id-dinja.

Tassew kien fina x'tara, jien u ħija Peter, ċkejken ċkejken u bit-*teddy bear* imrassas ma' sidru, hekk kif xeħtuna 'l barra mill-karozza Beetle sewda li telqitna quddiem il-kanċell tal-ħadid tad-dar enormi taz-ziju Fonzu. Iva, xeħtuna, għax seba' mitt sena kellu t-tabib Gatto biex naqbżulu 'l barra ħalli jdawwar denbu lejn id-dar.

"Illejla hemm serje ġdida fuq it-televixin, u ma rridx nitlifha," qalilna bejn tqaħqiħa u oħra.

U ma' kull tqaħqiħa, ħarsa kerha lejna minn ġol-mera tan-nofs.

Jien u Peter konna bilqiegħda fuq is-*seat* skomdu ta' wara, f'riħa taqsam ta' ġild qadim

u tisbit tal-molol. Peter ma setax jaqla' għajnejh minn fuq il-felula ġganteska li t-tabib Gatto kellu fuq moħħu, tixgħel aktar minn bozza tal-Milied, u li tul il-vjaġġ tagħna, grazzi għal dik il-mera, kienet mezz eċċellenti kif tifel ta' disa' snin iqatta' sagħtejn mogħdija ta' żmien mingħajr ma jorqod.

Biex tagħqad, illum infetħu bibien is-sema, u tgħidx kemm xegħlu sajjetti fuq rasna matul il-vjaġġ kollu tagħna fil-misħuta Beetle. Warajna ħallejna d-dar żgħira u modesta li kien bena missieri stess b'ħafna ġebel u rieda tal-azzar. Ma kellha xejn speċjali din id-dar, għajr ħafna tifkiriet ta' logħob tan-noli, għajjat u daħq fil-ġardina. Iżda bħalma jgħidu, aħjar tgħix ġo toqba u tgħix kuntent.

Imma ħa ngħidlek xi ħaġa fuq ommi u missieri. Wara kollox, dan djarju ġdid, u xieraq li nżanżan dawn il-paġni roża jfuħu bi ftit memorji sbieħ.

Missieri, Viktor Van der Mark, kien restawratur tal-pitturi. L-hena tiegħu jixxabbat minn tavla għal oħra bħal xadina f'ġungla, għexieren ta' metri 'l fuq mill-art. Bil-ħila tal-papà, mijiet ta' anġli u qaddisin f'mijiet ta' inkwatri f'mijiet ta' knejjes

u katidrali madwar id-dinja, iżżejnu mill-ġdid b'ħafna dettall u kuluri sbieħ. Xogħol il-pa wasslu f'ħafna pajjiżi, bħall-Italja, l-Ingilterra, Franza u l-Ġermanja.

Meta kellu għoxrin sena, Viktor iltaqa' ma' Violet.

Kienu Franza, it-tnejn li huma, jistudjaw is-sengħa li tant kienet għal qalbhom, meta darba fost l-oħrajn Viktor nesa ktieb warajh fis-sala fejn kien għadu kif kellu l-lekċer. Kien ktieb tal-librerija tal-kulleġġ u Viktor ma riedx li jieħdu xi ħadd jew li jsibu l-Prof. Vol-au-Vent u jgħid kemm Viktor Van der Mark kien student traskurat (u hawn ma kontx inlumu lill-Prof. għax tassew li missieri kien bniedem traskurat). B'fixla sħiħa Viktor dar biex imur lura lejn is-sala u f'salt ħabat ġo daqsxejn ta' tfajla liebsa nuċċali kbir li tfaċċat minn wara l-kantuniera …

(Qabel inkompli, għażiż djarju, tajjeb li tkun taf li din l-istorja m'għandhiex tmiem sabiħ bħall-ħrejjef tal-kotba u l-films ta' Disney ☹)

Imma għal ftit żmien, Viktor u dik it-tfajla tan-nuċċali kbir għexu ħajja tassew kuntenta li nibtet

minn dak il-mument ta' traskuraġni xħin missieri fettillu jħalli dak il-ktieb oħxon kollu toqob tal-kamla warajh ☺

Fil-belt ta' Pariġi, lil Violet xtralha, għall-ewwel darba, ġelat taċ-ċikkulata bil-ġellewż u warda ħamra (li ommi baqgħet iżżomm ġo vażun fil-vetrina tas-salott u li mnalla kienet tad-drapp). F'temp ta' ftit żmien wasalt jien, u ħames snin wara ħija Peter b'ħanġra li kienet tqajjem saħansitra lill-ġirien. Ma setax jonqos li jkollna tfulija mżewqa b'kull xorta ta' fjuri, frott u friefet ikkuluriti. Id-dar tagħna saret mużew wieħed ta' talenti artistiċi: pitturi tal-papà, pitturi tal-mamà u maż-żmien żdiedu wkoll il-kapulavuri ta' taħżiż bil-kuluri tax-xema' li konna noħolqu jien u Peter l-iskola. Mhix l-ewwel darba li jien kont nieħu posti fil-ġardina żgħira tagħna, maġenb missieri, u noqgħod nitpaxxa narah iħallat l-aħmar mal-isfar u jtajjar tiċpis oranġjo ma' mnieħru kif ukoll fuq il-fardal li kien jilbes fuq il-ħwejjeġ. Daqqiet kont ninxteħet bilqiegħda ħdejn ommi madwar il-mejda tal-kċina u naraha ċċaflas il-pinzell irqiq ġo skutella taċ-ċeramika roża u b'dik il-ponta

rqiqa toħloq meravilji ta' kull xorta. Waqt li jpitter, missieri kien isaffar u ommi kienet tkanta. Missieri jpinġi bilwieqfa u ommi bilqiegħda. L-aktar mużika għal qalbha kienet dik ta' Barbara Streisand. Missieri kien dejjem isaffar "Strangers in the Night", ta' Frank Sinatra.

Dan kien qabel ma t-tnejn telquna għal riħna bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa — l-ewwel ommi, imbagħad missieri.

Daqs sentejn u nofs ilu, il-pa ġie msejjaħ minn xi kuraturi biex jagħmel xi xogħol ta' restawr f'mużew popolari ġewwa l-belt ta' Krakovja fil-Polonja.

Ommi kienet għadha f'saħħitha dak iż-żmien, u għalhekk setgħet tieħu ħsiebna hi. Lil missieri lestietlu l-bagalja kbira u fiha tefgħetlu minn kollox: kalzetti tas-suf, ħwejjeġ ta' taħt termali, kif ukoll il-ġakketta favorita tiegħu (li missieri nsista li jilbes għall-ajruport, u li ommi reġgħet ħarġet mill-bagalja b'geddum sal-art u ħafna tgergir). Missieri qatt ma kien mar il-Polonja, u tassew kien eċitat! Kien sema' ħafna dwar dan il-mużew ġojjell fil-qalba tal-belt, u ommi, min-

naħa l-oħra, aktar kompliet iġġennu biex jaċċetta. Jiena ma tantx ħadt gost li missieri kien ħa jerġa' jsiefer, u xtaqt li kieku ħadna lkoll miegħu, bħal meta kien tela' l-Ingilterra s-sena ta' qabel. Iżda din id-darba, missieri ma kienx ħa jkollu ċans joqgħod idur mal-belt ta' Krakovja. Kien jeħtieġ li x-xogħol ta' restawr fil-Mużew Czartoryski jibda minnufih.

Addijo pjazez u addijo ristoranti.

Is-swali tal-mużew kienu diġà mimlija strutturi tal-ħadid għall-ħaddiema biex jaħdmu fuqhom. F'waħda mill-*emails* li bagħtilna missieri, iddeskriviehom bħala fossili ta' dinosawri kkuluriti, u Peter qatta' l-bqija tal-ġurnata jimmaġina lil missieri riekeb fuq dahar xi *Tyrannosaurus rex*. Apparti soqfa li riedu jitpittru mill-ġdid kien hemm kollezzjonijiet sħaħ t'antikitajiet li riedu jitressqu minn kamra għal oħra. L-art li kienet ħa tinżamm ġiet miksija plastik; il-linef u t-tubi tneħħew minn mas-soqfa tas-swali u kollox kien lest sabiex missieri u t-tim tiegħu jmiddu għonqhom għax-xogħol u t-trabijiet.

M'hemmx għax ngħidu, missieri ħassu ferm